**SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA**

**TAS-SEMESTRU EWROPEW**

# NINDIRIZZAW L-INUGWALJANZI

## 1. INTRODUZZJONI

**Il-kwistjoni tal-inugwaljanza żiedet fl-importanza f'dawn l-aħħar snin.** L-effetti tal-kriżi ekonomika fuq l-Ewropa kienu profondi, billi reġġgħu lura s-snin tal-konverġenza fl-istandards tal-għajxien u poġġew pressjoni konsiderevoli fuq is-sistemi ta' ħarsien soċjali. L-inugwaljanza żdiedet fil-maġġoranza tal-Istati Membri, tant li wasslet għal tħassib kemm għas-sostenibbiltà tat-tkabbir kif ukoll għall-koeżjoni soċjali.

Jeżisti wkoll tħassib dwar l-inklussività tat-tkabbir. Meta l-introjtu prodott f'pajjiż, kif imkejjel mill-PDG, ikun qed jikber b'rata aktar mgħaġġla mill-introjti li jaslu għand il-familji ta' dak il-pajjiż, dan jissuġġerixxi li t-tkabbir mhuwiex inklużiv u li l-benefiċċji tiegħu mhumiex qed jinħassu mill-familji kollha. Pereżempju, l-evidenza turi li l-familji bl-ogħla introjtu fl-Istati Uniti bbenefikaw kważi esklussivament mit-tkabbir tal-PDG fis-snin riċenti[1].

Filwaqt li l-istrateġija Ewropa 2020 tiffoka fuq it-tnaqqis tal-faqar, l-isfida tat-tnaqqis tar-riskju tal-faqar hija marbuta mad-dibattitu dwar l-inugwaljanza[2].

Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ppreżentat mill-Kummissjoni Ewropea f'April 2017 jindirizza l-inugwaljanza fl-introjtu b'mod aktar espliċitu. It-tielet prinċipju tal-Pilastru jistabbilixxi d-dritt għal opportunitajiet indaqs għal kulħadd. Mill-14-il indikatur ewlieni fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, wieħed huwa relatat direttament mal-inugwaljanza fl-introjtu, filwaqt li bosta oħrajn jindirizzaw oqsma ta' politika relatati mill-qrib mal-ġlieda kontra l-inugwaljanza fl-introjtu li qed tiżdied u l-għoti ta' aktar opportunitajiet ugwali.

Dan id-dokument għandu l-għan li jipprovdi ħarsa ġenerali qasira lejn żewġ dimensjonijiet ewlenin tal-isfida tal-inugwaljanza fl-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-inugwaljanza fl-introjtu u l-inugwaljanza fl-opportunitajiet[3]. Huwa strutturat kif ġej: it-taqsima 2 tipprovdi definizzjonijiet, indikaturi tal-kejl u ħarsa ġenerali lejn l-isfidi attwali fl-UE; it-taqsima 3 teżamina x'jixpruna l-inugwaljanza u t-taqsima 4 tistabbilixxi l-istrumenti ta' politika li jistgħu jużaw l-Istati Membri biex inaqqsu l-inugwaljanza.

---

1 Ara Saez E. (2016) "Striking it Richer: The Evolution of Top Incomes in the United States".

2 Il-faqar jitkejjel bħala l-perċentwal ta' nies li jgħixu f'familji b'introjtu taħt livell limitu marbut mal-introjtu medjan tal-familji. Jekk il-faqar jonqos, dan jimplika wkoll inqas inugwaljanza fl-introjtu.

3 Il-pajjiżi koperti mid-dejta f'din l-iskeda informattiva huma l-UE28, sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor.

L-iskedi informattivi tematiċi li jipprovdu aktar tagħrif dwar dan il-qasam ta' politika jinkludu dawk dwar: *Il-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol; L-Adegwatezza u s-Sostenibbiltà tal-Pensjonijiet*; *Is-Saħħa u s-Sistemi tas-Saħħa; Il-Ħiliet għas-Suq tax-Xogħol; Il-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Inklużjoni Soċjali; Is-Sistemi Fiskali u l-Amministrazzjoni tat-Taxxa; Is-Sistemi għall-Iffissar tal-Pagi.*

## 2. ID-DEFINIZZJONI U L-KEJL TAL-INUGWALJANZA

**L-inugwaljanza hija sfida multidimensjonali.** Filwaqt li l-inugwaljanzi jistgħu jitqiesu f'ħafna dimensjonijiet differenti, żewġ kunċetti ewlenin huma *l-inugwaljanza fl-eżitu (introjtu u ġid)* u *l-inugwaljanza fl-opportunitajiet*[4].

**L-inugwaljanza fl-introjtu**: Din tirreferi għal kif l-introjtu miksub f'ekonomija jitqassam fost il-popolazzjoni. Ġeneralment, din tiġi kkalkolata fil-livell tal-familja (jiġifieri billi l-introjtu jinġabar flimkien għall-membri kollha tal-familja), ponderata għan-numru ta' membri tal-familja u l-età tagħhom[5].

**L-inugwaljanza fil-ġid**: F'xi pajjiżi, bħall-Awstrija, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Ġermanja, filwaqt li l-inugwaljanza fl-introjtu mhijiex partikolarment għolja, l-inugwaljanza fil-ġid ilha tiżdied f'dawn l-aħħar snin[6]. B'mod ġenerali, il-ġid għandu t-tendenza li jitqassam b'mod inugwali mill-introjtu, minħabba r-rwol tal-wirt u l-prezzijiet tal-proprjetà li qegħdin jogħlew.

**L-inugwaljanza fl-opportunitajiet**: L-inugwaljanza fl-introjtu tkejjel *ir-riżultati*, iżda din hija taħlita ta' (i) l-opportunitajiet mogħtija lil individwu fit-twelid, (ii) l-għażliet li huwa għamel fil-ħajja, u (iii) ix-xorti. Filwaqt li huwa aktar diffiċli biex jitkejjel, l-iżgurar li l-individwi jkollhom opportunità indaqs li jirnexxu huwa għan ta' politika li fuqu hemm kunsens aktar ċar, milli sabiex jinkisbu riżultati indaqs.

**L-inugwaljanza fl-opportunitajiet tista' tikkontribwixxi għall-inugwaljanza fl-introjtu, u viċi versa.** Nuqqas ta' opportunitajiet indaqs iwassal għal inugwaljanza akbar fl-introjtu, minħabba li l-ħiliet tal-ġenerazzjoni li jmiss u l-potenzjal tal-qligħ ikomplu jitbiegħdu minn xulxin minħabba l-pożizzjonijiet inizjali differenti tagħhom. Bil-maqlub, jekk l-introjtu jitqassam b'mod inugwali żżejjed, dan jista' jirriżulta f'inqas opportunitajiet indaqs għall-ġenerazzjoni li jmiss, minħabba li l-vantaġġi tal-familja li jirriżultaw minn introjtu u ġid ogħla jgħaddu b'mod aktar faċli lill-ġenerazzjoni li jmiss. Dan l-effett ta' tisħiħ b'mod reċiproku jindika r-rwol importanti tal-politika fit-tkissir taċ-ċiklu ta' żvantaġġ (ara t-Taqsima 4).

**Ġeneralment jitqies li ċerta inugwaljanza tista' tipprovdi inċentivi għall-investiment fil-kapital uman, il-promozzjoni tal-mobilità u l-istimolu tal-innovazzjoni.** L-inċentivi ekonomiċi — li huma importanti għat-tkabbir — jiddependu fuq il-possibbiltà li individwu jikseb riżultati aħjar permezz tal-ħidma iebsa tiegħu stess.

**Madankollu, meta l-inugwaljanza ssir kbira wisq, tista' tkun ta' theddida għat-tkabbir.** Dan partikolarment minnu meta tkun xprunata miż-żieda fil-faqar fl-iżjed livell baxx tad-distribuzzjoni tal-introjtu. Meta l-individwi fl-iżjed livell baxx tad-distribuzzjoni tal-introjtu (jew tal-ġid) ma jkollhomx ir-riżorsi sabiex jinvestu fil-ħiliet u l-edukazzjoni tagħhom, jista' jkun li ma jkunux jistgħu jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom, li huwa ta' ħsara

[4] Dimensjoni importanti oħra tal-inugwaljanza hija l-inugwaljanza bejn il-ġeneri. Dan huwa ttrattat fi skeda informattiva tematika separata dwar *il-Parteċipazzjoni tan-Nisa fis-Suq tax-Xogħol*.

[5] Din hija magħrufa bħala skala ta' ekwivalenza. Il-Kummissjoni tuża "l-iskala ta' ekwivalenza mmodifikata tal-OECD", li tassenja valur tal-piż ta' 1 għall-kap tal-familja, 0.5 għal kull persuna adulta addizzjonali u 0.3 għal kull tifel jew tifla.

[6] Mill-2011 sal-2014, l-inugwaljanza fil-ġid żdiedet fil-maġġoranza tal-pajjiżi taż-Żona Euro, kif imkejla permezz tal-koeffiċjent Gini tal-ġid nett.

għat-tkabbir ġenerali. Barra minn hekk, id-distribuzzjoni mill-ġdid tal-introjtu tista' tgħin ukoll sabiex tistimula d-domanda fl-ekonomija, minħabba li l-familji bi dħul baxx għandhom it-tendenza li jonfqu aktar.

**L-inugwaljanza ddgħajjef ukoll il-ġustizzja soċjali.** Jekk ir-riżorsi tal-ekonomija jitqassmu b'mod irregolari żżejjed, dan jista' jkun ta' theddida għall-koeżjoni soċjali u għal sens ta' appartenenza komuni. Dawn iż-żewġ effetti jistgħu jkunu partikolarment evidenti jekk il-livelli għolja ta' inugwaljanza jiġu xprunati minn numri akbar ta' nies li jgħixu fil-faqar. Dawn in-nies jistgħu jkunu qegħdin jiffaċċjaw iżjed privazzjoni, problema ta' persuni mingħajr dar jew esklużjoni soċjali.

## Il-kejl tal-inugwaljanza

**L-inugwaljanza fl-introjtu** tista' titkejjel bl-użu ta' firxa ta' indikaturi. Uħud minn dawk l-aktar komuni jintużaw huma l-**proporzjon S80/S20** u l-**koeffiċjent Gini**.

**Il-proporzjon S80/S20** ikejjel l-introjtu annwali tal-20 fil-mija tal-aktar familji sinjuri, meta mqabbla mal-20 fil-mija tal-ifqar familji. Dan huwa l-indikatur ewlieni sabiex titkejjel l-inugwaljanza fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali. Għalhekk, pereżempju, S80/S20 ta' 5.0 ifisser li 20 % tal-aktar familji sinjuri jirċievu ħames darbiet aktar introjtu f'sena mill-ifqar 20 %. S80/S20 ogħla jimplika aktar inugwaljanza fl-introjtu; numru aktar baxx jimplika inqas inugwaljanza. S80/S20 ta' 1.0 jimplika ugwaljanza perfetta ta' introjtu — jiġifieri, il-familji kollha jkollhom l-istess introjtu annwali. Għall-UE[7], l-S80/S20 huwa ta' madwar 5.1 (2015) (ara l-Illustrazzjoni 1).

[7] UE tirreferi għat-28 Stat Membru tal-Unjoni; il-valuri huma medja ponderata.

**Illustrazzjoni 1: L-inugwaljanza fl-introjtu kif imkejla permezz tal-proporzjon S80/S20, 2007-2015**




**Illustrazzjoni 2: L-inugwaljanza fl-introjtu kif imkejla permezz tal-koeffiċjent Gini, 2007-2015**



**Il-Koeffiċjent Gini** huwa l-aktar kejl komuni tal-inugwaljanza fl-introjtu fuq livell internazzjonali. Ikejjel id-distribuzzjoni tal-introjtu billi jqabbel il-pożizzjoni tal-introjtu ta' kull familja ma' dik tal-familji l-oħrajn kollha. Permezz ta' kostruzzjoni, il-koeffiċjent huwa espress bħala valur perċentwali bejn 0 u 100. Gini ta' 0 jimplika ugwaljanza perfetta tal-introjtu; Gini ta' 100 jimplika li l-introjtu kollu fl-ekonomija kien qed jakkumula għal familja waħda biss, li allura jimplika inugwaljanza perfetta tal-introjtu. Għall-UE, il-Koeffiċjent Gini huwa ta' madwar 31 (2015) (ara l-Illustrazzjoni 2).

**L-inugwaljanza fl-opportunitajiet ma tistax titkejjel direttament bl-użu ta' indikaturi standard**. Minħabba li jistgħu jiġu osservati direttament biss l-eżiti ta' persuna waħda, sabiex jinkiseb għarfien dwar kif inhuma l-opportunitajiet inugwali, iridu jsiru ċerti suppożizzjonijiet u jeħtieġ li jintużaw indikaturi sabiex titkejjel l-ugwaljanza fl-opportunitajiet.

**L-indikaturi sabiex jitkejlu l-opportunitajiet huma ffokati fuq iż-żgħażagħ.** Minħabba li s-sitwazzjoni ta' individwu tirriżulta mill-għażliet li jsiru, u mix-xorti esperjenzata, matul il-ħajja ta' dak l-individwu, wieħed jista' jassumi li, għal persuni iżgħar fl-età, il-benesseri osservat (inkluż l-introjtu) huwa inqas assoċjat mal-għażliet tal-ħajja ta' individwu, u aktar mal-opportunitajiet mogħtija lilhom. Għal din ir-raġuni, ir-riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali għat-tfal huwa indikatur importanti ta' opportunitajiet inugwali (ara l-Illustrazzjoni 3).

**Illustrazzjoni 3: It-tfal (<16-il sena) f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, 2007-2015**



**L-inugwaljanza fl-opportunitajiet hija marbuta wkoll mal-iżvantaġġ mgħoddi minn ġenerazzjoni għal oħra.** Indikatur importanti ieħor tal-opportunitajiet indaqs huwa r-relazzjoni bejn l-eżiti edukattivi tal-adoloxxenti u l-istatus soċjoekonomiku tal-ġenituri tagħhom. Fejn ikun hemm korrelazzjoni għolja bejn prestazzjoni edukattiva baxxa u kisba ta' ħiliet baxxi tal-ġenituri, din tissuġġerixxi li s-servizzi pubbliċi (b'mod partikolari l-edukazzjoni) mhumiex ta' suċċess fil-promozzjoni ta' opportunitajiet ugwali għat-tfal kollha, irrispettivament mill-isfondi soċjali tagħhom[8]. (Ara l-Illustrazzjoni 4)

## L-istat tal-inugwaljanza fil-pajjiżi tal-UE

**Madwar l-UE, l-inugwaljanza fl-introjtu żdiedet kemmxejn.** Fl-2016, il-proporzjon S80/S20 kien 5.1 għall-UE, li żdied minn 4.9 fl-2010 u li jirrifletti żieda f'ħafna Stati Membri, iżda mhux f'kollha. Il-koeffiċjent Gini juri evoluzzjoni simili, billi żdied minn 30.5 għal 31.0[9] matul l-istess perjodu. Iż-żieda hija aktar evidenti għall-inugwaljanza fl-introjtu tas-suq (jiġifieri l-inugwaljanza qabel ma jitqiesu t-taxxi u t-trasferimenti soċjali), billi s-sistema fiskali u tal-benefiċċji għandha effett ta' ekwalizzazzjoni.

**L-inugwaljanza tirriżulta minn tkabbir tal-introjtu baxx fost il-familji aktar foqra.** Filwaqt li l-inugwaljanza dejjem tikber tirriżulta kemm minn tkabbir aktar mgħaġġel tal-introjtu fl-ogħla livell tad-distribuzzjoni kif ukoll minn tkabbir aktar bil-mod mit-tkabbir medju fl-iżjed livell baxx, huwa t-tkabbir bil-mod fl-iżjed livell baxx li kellu l-akbar effett fuq l-inugwaljanza ġenerali fis-snin wara l-kriżi. Dan l-effett kien partikolarment qawwi fir-Rumanija u l-Portugall, iżda wkoll fl-Italja u l-Ġermanja[10].

**Illustrazzjoni 4: Varjazzjoni fil-prestazzjoni skolastika (xjenza) skont l-isfond soċjoekonomiku tal-ġenituri għat-tfal (15-il sena), 2006-2015**




[8] Il-varjazzjoni fil-prestazzjoni skolastika spjegata mill-istatus soċjoekonomiku tal-istudenti hija indikatur sekondarju tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali.

[9] Din hija l-medja Gini għall-pajjiżi tal-UE u mhux il-Gini tal-popolazzjoni tal-UE b'mod ġenerali.

[10] Dan huwa spjegat mill-bidla mill-2010 sal-2015 fil-proporzjon tal-introjtu S50/S10, li turi żidiet qawwija f'dawn il-pajjiżi, li jindikaw tnaqqis fis-sehem tal-introjtu għall-ifqar familji.

**Il-medja tal-UE taħbi varjazzjoni konsiderevoli u li qed tikber bejn il-pajjiżi.** Filwaqt li għas-Slovakkja, l-S80/S20 naqas mill-kriżi 'l hawn u huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE (fi 3.5 fl-2015), fir-Rumanija kien qed jiżdied serjament u huwa l-ogħla (fi 8.3). L-inugwaljanza fl-introjtu tas-suq żdiedet l-aktar fil-Portugall, il-Greċja u l-Bulgarija; madankollu, f'ħafna Stati Membri ftit li xejn kien hemm bidla (l-Ungerija u Franza), filwaqt li f'xi wħud din saħansitra naqset (l-Irlanda, il-Lussemburgu, l-Italja)[11].

**Aktar tfal qegħdin jgħixu fil-faqar bħala riżultat tal-kriżi** mill-2007 sal-2010, iżda n-numru naqas fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fis-snin sal-2015. Il-Polonja u l-Bulgarija jispikkaw bħala li rreġistraw l-akbar tnaqqis fil-faqar fost it-tfal, filwaqt li fil-Greċja, f'Ċipru u fi Spanja l-problema kompliet tippersisti u saħansitra marret għall-agħar (ara l-Illustrazzjoni 3).

## 3. XPRUNATURI TAL-INUGWALJANZA

**L-ixprunaturi tal-inugwaljanza fl-introjtu jvarjaw bejn l-Istati Membri.** Filwaqt li l-qgħad huwa fattur fl-inugwaljanza fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE, f'xi każijiet (bħall-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Litwanja u l-Latvja), l-effett ridistributtiv dgħajjef tat-taxxi u l-benefiċċji għandu rwol ewlieni. F'oħrajn, l-inugwaljanza fl-introjtu għoli hija r-riżultat tal-qgħad ikkombinat ma' distribuzzjoni irregolari tal-introjtu tas-suq (il-Greċja, Spanja u l-Portugall). Fir-Renju Unit u fl-Irlanda, l-introjtu tas-suq jitqassam ukoll b'mod estremament inugwali. Madankollu, l-istati soċjali Brittaniċi u Irlandiżi jagħmlu biċċa xogħol ogħla mill-medja fit-tnaqqis tal-inugwaljanzi qabel it-taxxi u l-benefiċċji (ara l-Illustrazzjoni 5), li jirriżultaw f'eżiti ta' inugwaljanza qrib il-medja tal-UE, f'termini ta' introjtu disponibbli.

**Illustrazzjoni 5: L-effett ta' tnaqqis tal-inugwaljanza tat-taxxi u t-trasferimenti (2015)**




†medja sempliċi, id-dejta għal DE hija tal-2014

[11] Kalkoli tal-Kummissjoni, ibbażati fuq id-dejta tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC).

**Iż-żidiet fil-bidla teknoloġika żiedu l-inugwaljanza fl-introjtu.** Filwaqt li huwa pożittiv għat-tkabbir ekonomiku b'mod ġenerali, il-progress teknoloġiku jżid it-tixrid tal-pagi ("dispersjoni tal-pagi") billi jippremja l-ħiliet għoljin, b'mod partikolari f'setturi ta' valur għoli tal-ekonomija, bħat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT). Fl-istess ħin, l-awtomatizzazzjoni għandha t-tendenza ċċaqlaq il-ħaddiema f'livelli ta' ħiliet baxxi u medji.

**Madankollu, l-evidenza dwar l-effett tal-globalizzazzjoni fuq l-inugwaljanza hija mħallta.** It-teorija bbażata fuq mudelli kummerċjali tradizzjonali tissuġġerixxi li aktar kummerċ iwassal għal inugwaljanza akbar fil-pajjiżi sinjuri. Madankollu, l-istudji empiriċi sabu riżultati kontradittorji. B'mod kruċjali, il-mod kif jirrispondu l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol u dawk li jfasslu l-politika jista' jiddetermina jekk il-kummerċ joħloqx aktar jew inqas inugwaljanza.

**L-effetti tal-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol spiss ikunu wkoll ambigwi.** L-istituzzjonijiet riġidi tas-suq tax-xogħol mhux neċessarjament inaqqsu l-inugwaljanza, għaliex għalkemm jistgħu jwasslu għal pagi ogħla għal dawk li jaħdmu, jistgħu jwasslu wkoll għal aktar qgħad.

**Fatturi oħrajn, bħal demoFigureics u l-kompożizzjoni tal-familja, jaffettwaw ukoll l-inugwaljanza.** Iż-żieda fis-sehem ta' familji b'persuna waħda tista' żżid l-inugwaljanza billi tnaqqas il-kapaċità tagħhom li jiġbru r-riżorsi flimkien. Id-daqs dejjem jonqos tal-familji, flimkien mar-rati ogħla tal-immigrazzjoni, jistgħu jżidu wkoll l-inugwaljanza — b'mod partikolari l-inugwaljanza fl-opportunitajiet — billi jwasslu għal konċentrazzjoni ogħla tal-assi fost il-popolazzjoni indiġena.

## 4. GĦODOD TA' POLITIKA LI JINDIRIZZAW L-ISFIDA TAL-INUGWALJANZA

**Il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-inugwaljanza jiddependu ħafna fuq l-azzjonijiet u r-riformi tal-Istati Membri**. L-UE għandha r-rwol li tappoġġja u tikkomplementa l-politiki tal-Istati Membri fl-oqsma tal-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali, permezz ta' gwida politika u appoġġ finanzjarju għar-riformi.

**Hemm għadd ta' għodod ta' politika disponibbli għall-Istati Membri** sabiex itejbu l-ugwaljanza fl-introjtu u fl-opportunitajiet indaqs. Madankollu, ir-rispons politiku xieraq se jiddependi fuq:

- qari bir-reqqa tal-ixprunaturi tal-inugwaljanza f'kull Stat Membru;
- fatturi speċifiċi għall-pajjiżi, bħar-rata tal-qgħad, il-kompożizzjoni settorjali tal-ekonomija, l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol u t-tfassil tas-sistema ta' ħarsien soċjali.

**L-investiment fl-edukazzjoni u l-ħiliet huwa għodda politika ewlenija għat-tnaqqis tal-inugwaljanza u l-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs.** B'mod partikolari, bħala rispons għall-prattiki tax-xogħol li qegħdin jinbidlu kawża tat-teknoloġija, it-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema b'ħiliet baxxi għandu l-akbar potenzjal li jikkontrobatti d-dispersjoni tal-pagi, filwaqt li joħloq ukoll aktar impjiegi. Għat-tfal u ż-żgħażagħ, l-edukazzjoni hija effettiva fil-ħolqien ta' aktar opportunitajiet indaqs, sakemm it-tfal kollha jkollhom aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja, irrispettivament mill-isfond tagħhom.

**Is-sistema fiskali u tal-benefiċċji hija l-lieva ta' politika ewlenija għall-indirizzar tal-inugwaljanza fl-introjtu[12].** Filwaqt li l-politiki għall-indirizzar tal-iżbilanċi fil-ħiliet huma utli fi żmien medju sa twil, il-bidliet fis-sistema fiskali u tal-benefiċċji jista' jkollhom effett aktar immedjat. Xi pajjiżi, bħall-Irlanda, l-Ungerija u d-Danimarka, jużaw is-sistema fiskali u tal-benefiċċji b'mod effettiv sabiex inaqqsu l-inugwaljanzi għolja ħafna fl-introjtu tas-suq. F'oħrajn, bħal Ċipru, il-Bulgarija, il-Latvja, il-Litwanja u l-Estonja, dan l-effett huwa

[12] Ara wkoll l-Iskeda Informattiva Tematika dwar *Is-Sistemi Fiskali u l-Amministrazzjoni Fiskali.*

ferm aktar dgħajjef (ara l-Illustrazzjoni 5).

**L-effett ta' tnaqqis tal-inugwaljanza tan-nefqa soċjali jiddependi fuq kemm hija mfassla sewwa.** Kemm it-tnaqqis tal-irtirar tal-benefiċċji għal dawk li jirritornaw għax-xogħol, kif ukoll il-piż tat-taxxa fuq dawk li jaqilgħu ftit huma politiki importanti li jiżguraw li n-nies qiegħda u inattivi dejjem ikollhom inċentiv ekonomiku pożittiv sabiex jimpenjaw ruħhom f'impjieg bi ħlas.

**Mill-kriżi 'l hawn, il-kapaċità tas-sistema ta' benefiċċju għat-taxxa għall-kontrobilanċjar taż-żieda fl-inugwaljanza tas-suq iddgħajfet.** F'xi pajjiżi, spazju fiskali strett u l-ħtieġa li terġa' tinkiseb is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi naqqsu l-kapaċità tal-Istat li jerġa' jiddistribwixxi l-introjtu. Is-sistema tat-taxxa fuq l-introjtu personali ma saritx aktar progressiva, b'numru ta' Stati Membri tal-UE joperaw sistema fiskali fissa, pereżempju, il-Latvja, il-Litwanja, l-Estonja, il-Bulgarija u r-Rumanija.

**L-inugwaljanza fil-ġid tista' titrażżan permezz ta' taxxi mfassla sewwa.** It-tassazzjoni fuq il-kapital (inkluża t-tassazzjoni fuq il-proprjetà u l-wirt) tista' tkun mezz rilevanti sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja fl-opportunitajiet u distribuzzjoni aktar ugwali tal-ġid, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-aspetti tal-effiċjenza.

**Il-provvediment ta' servizzi soċjali ta' kwalità huwa għodda essenzjali fil-ġlieda kontra ż-żieda tal-inugwaljanza fl-opportunitajiet.** L-għodod essenzjali għat-tkissir tat-trasferiment ta' żvantaġġ minn ġenerazzjoni għall-oħra huma:

- l-indukrar tat-tfal aċċessibbli u ta' kwalità għolja,
- l-akkomodazzjoni soċjali,
- l-edukazzjoni,
- il-kura tas-saħħa.

Id-disponibbiltà tal-indukrar tat-tfal u tal-kura fit-tul hija wkoll essenzjali sabiex tippermetti parteċipazzjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol, li tista' tgħin sabiex titnaqqas l-inugwaljanza bejn il-ġeneri. Fejn ikun hemm dimensjoni spazjali għall-inugwaljanza, inkluża qasma sinifikanti bejn iż-żoni rurali u urbani, bħal fir-Rumanija u l-Bulgarija, l-investiment fit-trasport u l-aċċessibilità diġitali jista' jkollhom ukoll irwol importanti.

Data: 22.11.2017

## 5. RIŻORSI UTLI

- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali
- Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali

## ANNESS

**Tabella 1 — Il-Koeffiċjent Gini qabel u wara t-taxxi u t-trasferimenti (2015, sors: EU-SILC)**

| | Gini Gross tal-Introjtu tas-Suq* | Gini Nett** | L-effett ta' tnaqqis tal-inugwaljanza tat-taxxi u t-trasferimenti |
|---|---|---|---|
| IE | 55.4 | 29.8 | 25.7 |
| FI | 49.6 | 25.2 | 24.4 |
| BE | 49.9 | 26.2 | 23.7 |
| UK | 55.9 | 32.4 | 23.6 |
| DK | 50.7 | 27.4 | 23.3 |
| AT | 50.3 | 27.2 | 23.1 |
| EL | 56.6 | 34.2 | 22.4 |
| NL | 49.0 | 26.7 | 22.3 |
| SI | 46.7 | 24.5 | 22.2 |
| HU | 49.9 | 28.2 | 21.6 |
| PT | 55.5 | 34.0 | 21.5 |
| CZ | 46.2 | 25.0 | 21.2 |
| DE | 51.6 | 30.7 | 20.9 |
| HR | 51.0 | 30.6 | 20.4 |
| SE | 45.2 | 25.2 | 20.0 |
| FR | 49.0 | 29.2 | 19.8 |
| LU | 48.1 | 28.5 | 19.6 |
| IT | 51.3 | 32.4 | 18.9 |
| ES | 53.4 | 34.6 | 18.8 |
| MT | 45.7 | 28.1 | 17.6 |
| PL | 47.9 | 30.6 | 17.3 |
| RO | 54.1 | 37.4 | 16.7 |
| SK | 39.8 | 23.7 | 16.1 |
| LT | 54.0 | 37.9 | 16.1 |
| EE | 49.8 | 34.8 | 15.0 |
| LV | 49.8 | 35.4 | 14.5 |
| CY | 47.5 | 33.6 | 14.0 |
| BG | 50.2 | 37.0 | 13.2 |
| | | | |
| **UE-28†** | **50.2** | **30.4** | **19.8** |

Sors: Kalkoli proprji bbażati fuq l-EU-SILC, dejta ta' stħarriġ tal-2014, DE: 2014

*Gini, gross mit-taxxi u mingħajr trasferimenti

**Gini kkalkolat wara t-taxxi diretti u t-trasferimenti soċjali kollha (inklużi l-pensjonijiet)

†Medja mhux ponderata